

V

(Avviżi)

PROCĊDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA
TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8079 — RPĊ Group/British Polythene Industries)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2016/C 219/07)

1. Fid-9 ta' Ġunju 2016, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża RPĊ Group PLC ("RPĊ", ir-Renju Unit) takkwista fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll tal-impriża British Polythene Industries PLC kollha kemm hi ("BPI", ir-Renju Unit) permezz ta' seġha pubblika għall-offerti mħabbra fid-9 ta' Ġunju 2016.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal RPĊ: RPĊ hija kumpanija tad-disinn u l-inġinerija ta' prodotti tal-plastik riġidu għas-setturi tal-imballaġġ u mhux tal-imballaġġ ibbażata fir-Renju Unit, b'24 ċentru ta' żvilupp tad-disinn u l-inġinerija u 113-il sit ta' manifattura fi 28 pajjiż li jimpjegaw aktar minn 18 000 ruħ u li timmanifattura firxa wiesgħa ta' mballaġġ standard u addattat għas-setturi tal-ikel u mhux tal-ikel, tal-konsumatur u dawk industrijali. RPĊ ma tipproduċix prodotti tal-plastik flessibbli,
- għal BPI: BPI hija manifattur ta' prodotti tal-plastik flessibbli bbażata fir-Renju Unit: tertuqa, basktijiet u xkejjer tal-politin. BPI tipprovdi għadd kbir ta' klijenti b'firxa ta' prodotti fosthom tertuqa għall-imballaġġ u mhux għall-imballaġġ u basktijiet. BPI tirriċikla wkoll l-iskart tal-politin.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-ttrattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽²⁾, ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.8079 — RPĊ Group/British Polythene Industries, fl-indirizz li jmiss:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

(1) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

(2) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.